# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 23 ta' Marzu 2023**

**Appell numru 6/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Simon BORG**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-8 ta' Jannar 2018 fil-konfront ta' Simon BORG (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 208085M) fejn ġie mixli talli f'dawn il-Gżejjer, fid-9 ta' Novembru 2010 u fis-snin u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differentiu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda (in suċċint):
    1. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż hifi minn apparat tal-hifi  b'valur totali ta' mitt euro minn vettura LCA848, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-ħin, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa a dannu ta' Jonathan Sultana;
    2. Li għarraq jew għamel ħsara volonatarja fi proprjeta mobbli a detriment ta' Jonathan Sultana;

iii. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż hifi minn apparat tal-hifi minn vettura ABL658, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur, u bix-xorta tal-ħaġa misruqa a dannu ta' Abigail Azzopardi;
iv. Li għarraq jew għamel ħsara volonatarja fi proprjeta mobbli a detriment ta' Abigail Azzopardi;
v. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż hifi minn apparat tal-hifi minn vettura LCG224, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa a dannu ta' Emerson Farrugia;
vi. Li għarraq jew għamel ħsara volonatarja fi proprjeta mobbli a detriment ta' Emerson Farrugia;
vii. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż hifi minn apparat tal-hifi minn vettura EBY640, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa a dannu ta' Donald Borg/Duminku Borg;
viii. Li għarraq jew għamel ħsara volonatarja fi proprjeta mobbli a detriment ta' Donald Borg/Duminku Borg;
ix. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż hifi minn apparat tal-hifi minn vettura BAF803, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa a dannu ta' Antonella Pace/Joseph Pace;
x. Li għarraq jew għamel ħsara volonatarja fi proprjeta mobbli a detriment ta' Antonella Pace/Joseph Pace;
xi. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż hifi minn apparat tal-hifi minn vettura LCF653, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa a dannu ta' Marita (Maria Rita) Aquilina/Patrick Aquilina;
xii. Li għarraq jew għamel ħsara volonatarja fi proprjeta mobbli a detriment ta' (Maria Rita) Aquilina/Patrick Aquilina;
xiii. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż hifi minn apparat tal-hifi minn vettura EAQ569, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa a dannu ta' Alfred Degiorgio;
xiv. Li għarraq jew għamel ħsara volonatarja fi proprjeta mobbli a detriment ta' Alfred Degiorgio;
xv. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti inkluż hifi minn apparat tal-hifi minn vettura KAV323, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa a dannu ta' Christopher Scerri/Joseph Scerri;
xvi. Li għarraq jew għamel ħsara volonatarja fi proprjeta mobbli a detriment ta' Christopher Scerri/Joseph Scerri;

xvii. Fl-10 t'Awissu 2011 u fis-snin u xhur ta' qabel din id-data ikkommetta riċettazzjoni;

xviii. Li sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;

xix. Li kiser il-kundizzjonijiet maħruġa taħt tal-Att dwar il-Probation imposti fuqu minn sentenzi mogħtija lilu minn Qrati ta' Malta;

xx. Ikkommetta reat li għalih hemm il-priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija lilu mill-Qrati f'Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tas-sbatax-il imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 17,18, 20, 31, 261(b)(ċ)(f)(ġ), 263, 267, 270, 271(ġ), 278(1)(3), 279(a), 280(2) u 325(1)(b)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat appellant ħati tal-ewwel, tat-tieni, tal-ħmistax u s-sittax -il imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u sabitu wkoll ħati tat-tielet, tar-raba', tal-ħames, tas-sitt, tas-seba', tat-tmien, tal-ħdax u tat-tnax -il imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu b'dan li in kwantu għall-kwalifika tal-valur fl-imputazzjonijiet numri tlieta, ħamsa, seba' u ħdax din ma ġietx ippruvata, sabet lill-imputat appellant ħati wkoll tad-disa', għaxar, tlettax u l-erbatax-il imputazzjoni b'dan in kwantu għall-ħsara volontarja ma ġietx ippruvata li l-ħsara kienet teċċedi l-ammont ta' Ewro 1116.47, sabet lill-imputat appellant ukoll ħati tad-dsatax u l-għoxrin imputazzjonijiet miġjuba kontrih filwaqt li ma sabitux ħati tal-addebitu tar-reċediva u minnha lliberatu u għalhekk in kwantu għas-sejbien ta' ħtija tal-ewwel sittax-il imputazzjoni l-imputat ġie kkundannat għall-perjodu ta' sentejn priġunerija. In kwantu għad-dsatax-il imputazzjoni, il-Qorti ttratat mal-ħati għall-ksur tal-liberta' kkundizzjonata mogħtija bis-saħħa tas-sentenza tat-3 ta' April 2009 daqslikieku kien qiegħed jinstab ħati llum u wara li rat it-Taqsima 4 u 6 u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kapitolu 101 kif ukoll ir-Regolament tal-G.N. 292/1939 u l-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannat lill-imputat għall-ħlas ta' penali ta' Ewro 100. In kwantu għall-għoxrin imputazzjoni wara li rat l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti trattat mal-ħati dwar is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Anthony Vella fl-1 ta' Ottubru

2010, permezz ta' liema sentenza huwa kien ġie kkundannat għall-perjodu ta' sena priġunerija sospiża għall-tlett snin u ordnat li l-perjodu operattiv ta' tlett snin jerġa' jibda jiddekorri mill-ġdid minn dakinhar tas-sentenza. In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-imputat appellant iħallas l-ammont ta' Ewro 3280.36 rappreżentanti l-ħlas tal-espert nominat. Il-Qorti wkoll finalment irrakkomandat lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex safejn huwa possibbli l-ħati jingħata kull għinuna meħtieġa sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi BORG appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li jogħġobha tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha fejn ma sabitux ħati tar-reċediva u lliberatu minnha u fejn astjeniet a segwitu tas-sbatax-il imputazzjoni u fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha l-oħra, tirriformaha f'dik il-parti tas-sentenza konċernanti l-piena mposta fejn minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

(i) Aggravju dwar il-Piena Erogata : il-piena ta' priġunerija bl-ebda mod ma hija ser tgħin lill-appellant. Probabilment din is-sentenza u ċjoe' l-piena karċerarja ta' sentejn iktar ser iddaħħal lill-appellant fi problemi peress illi l-istess appellant għandu bżonn l-għinuna professjonali b'kura appożita kontra l-vizzju tad-droga sabiex dana jkun jista' jirriforma ruħu u jistrada ħajtu fit-triq it-tajab sabiex kemm jista' jkun huwa jirriabilita' ruħu u jżomm 'il bogħod mill-vizzju. Konsiderata l-piena bħala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tiegħu tas-soċjeta', iżjed u iżjed din il-piena karċerarja tidher inaddatta. L-appellant jagħmel referenza għal sentenzi fejn anke persuni li saħansitra kienu reċedivi wkoll ingħataw opportunita' oħra permezz ta' piena ridotta sempliċement peress illi ma baqgħux fit-triq il-ħażina. Illi fil-każ odjern l-esponent għandu jingħata ċans ieħor minn din l-Onorabbli Qorti sabiex iqum fuq saqajh jaqbad it-triq u jintegra ruħu fis-soċjeta'. Din l-Onorabbli Qorti għandha tkun motiivata illi tagħmel dan permezz ta' xaqq ta' dawl illi baqa' illi l-appellant jirriforma ruħu. Illi għaldaqstant l-esponent umilment jissottometti illi l-piena erogata fil-konfront tiegħu hija eċċessiva u sproporzjonata iktar u iktar meta l-Qrati tagħna taw ċans u diversi opportunitajiet oħra lill-persuni illi kellha fedina penali kkulurita u kienu saħansitra reċedivi.

## D. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

4. Illi nhar is-17 ta’ Ottubru 2011, Simon BORG ġie mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mixli fost oħrajn, b’serje ta’ serqiet illi huwa wettaq f’Malta bejn is-sena 2005 u s-sena 2010 u ġie misjub ħati kif ingħad aktar ‘il fuq f’din is-sentenza b’kundanna ta’ sentejn priġunerija effettiva.

5. Illi BORG appella minn din is-sentenza fejn fost oħrajn, issoleva wkoll il-kwistjoni tal-applikabbilita’ tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta u talab sabiex din il-Qorti tikkonverti ruħha f’Qorti dwar id-Droga. B’rabta ma’ din it-talba, id-Difiża tal-appellant ressqet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Maria Mifsud, lil Juan Vella bħala rappreżentant tal-Aġenzija Sedqa, l-Uffiċjal Korrettiv Helenio Galea kif ukoll lil Therese Attard bħala psikologa forensi mpjegata mill-Ministeru tas-Saħħa u taħdem fil-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin biex imbagħad fis-seduta ta’ nhar l-20 ta’ Ottubru 2020 saret trattazzjoni mill-partijiet dwar l-applikabbilita’ tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta għall-każ in diżamina u permezz ta’ digriet datat 2 ta’ Frar 2021, din il-Qorti laqgħet it-talba sabiex tikkonverti ruħha f’Qorti dwar id-Droga.

6. Illi din il-Qorti kkonvertiet ruħa f’Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta, u rreferiet il-każ tal-appellant għall-evalwazzjoni quddiem il-Bord ta’ Riabiltazzjoni ta’ Persuni li Nqabdu bid-Droga. F’dan ir-rigward jirriżulta mbagħad li nhar il-5 ta’ Lulju 2022, il-Bord ta’ Riabilitazzjoni ta’ Persuni li Nqabdu bid-Droga, informaw lil din il-Qorti permezz ta’ nota li l-appellant BORG kien baqa’ jsegwi ‘care plan’ b’mod pożittiv u għall-Bord il-proċess ingħalaq b’suċċess.

7. Din il-Qorti rat ukoll li skont dak li xehdu l-Uffiċjal tal-Probation u l-psikologa forensi, l-appellant kien jiddependi fuq id-droga kemm fil-perjodu tal-kommissjoni tal-allegati reati mertu tal-proċeduri in diżamina u kif anki fiż-żmien ta’ qabel. Għaldaqstant jista’ jitqies li ġie sodisfaċentement ippruvat tal-inqas fuq bażi ta’ probabilita’ li r-reati li tagħhom ġie mixli bihom f’dawn il-proċeduri u li minħabba fihom ġie rreferut lill-Bord, kienu sostanzjalment attriwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga.

8. Dan ikun ifisser li l-appellant BORG jikkwalifika għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8 (7) u (8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta. Skont is-subinċiż (7) tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta, f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija għar-reati lilu addebitati, jew f’dan l-istadju, f’każ fejn din il-Qorti tikkonferma d-deċiżjoni ta’ sejbien ta’ ħtija tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), hija tkun tista’ ma timponix il-piena mandatorja ta’ priġunerija effettiva u minflok timponi piena alternattiva taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta jew piena karċerarja b’effetti sospiżi ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

9. Għalkemm l-appellant ressaq talba sabiex din il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta’ Qorti dwar id-Droga, huwa xorta waħda ma rrinunzjax għar-rikors ta’ appell tiegħu liema. Madanakollu, jirriżulta li l-uniku aggravju jikkonċerna l-piena ta’ sentejn priġunerija effettiva nflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) in kwantu jilmenta li tali piena hija waħda eċċessiva u li fiċ-ċirkostanzi mhix sejra tgħin ir-riabilitazzjoni tal-appellant mill-vizzju tad-droga u sejra tkun ta’ ostakolu għall-pjan ta’ reintegrazzjoni tal-appellant fis-soċjeta’. Fid-dawl tar-riżultanzi f’dan il-każ, fosthom ir-rapport pożittiv tal-Psikologa Forensi dwar l-appellant, kif ukoll l-għeluq tal-każ minn naħa tal-Bord li jqis li l-perkors tal-appellant kien suċċess, din il-Qorti bħala Qorti dwar id-Droga tqis li dan l-aggravju tal-appellant konċernanti l-piena nflitta jistħoqqlu li jintlaqa’. Fis-sensi tal-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-proviso tiegħu din il-Qorti mhix sejra tapplika t-terminu minimu mandatorju ta’ priġunerija, daqskemm lanqas sejra teskludi l-applikazzjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta’ priġunerija jew tal-applikazzjoni ta’ ordni ta’ probation.[1]

# DECIDE

**Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-progress li jirriżulta li għamel f’ħajtu l-appellant wara l-perjodu ta’ rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga**

[1] Din l-esklużjoni kienet altrimenti mhix permessa mil-Liġi ġenerali stess ai termini tal-Artikolu 28A(7) tal-Kodiċi Kriminali b’rabta mas-sejbien ta’ ħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (mhiex ikkontestata) għad-dsatax -il imputazzjoni. Iżda ġaladarba l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta jippreskrivi li fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista’, **<u>minkejja kull liġi oħra</u>**, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta’ priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta’ probation jew tas-sospensjoni ta’ terminu ta’ priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja, l-espressjoni “minkejja kull liġi oħra” tfisser li dawk l-esklużjonijiet imsemmija fil-Kodiċi Kriminali fejn sentenza ta’ priġunerija fil-forma sospiża tagħha tista’ tingħata ma jkunux applikabbli fil-każ fejn din il-Liġi speċjali, l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta tagħmar dan.

**għandu jiġi rikonoxxut billi jkun hemm bidla fil-forma ta' parti mill-piena mogħtija lilu aktar milli fil-kwalita tagħha. Il-piena ta' priġunerija effettiva mogħtija lill-appellant għandha tinbidel f'waħda fil-forma sospiża b'mod għalhekk li l-appellant ikun jista' issa jibda triq ġdida f'ħajtu l-bogħod mid-droga u l-kriminalita. Iżda din is-sentenza hija fiha nnifisha twissija ċara lill-appellent: ċjoe li jrid jibqa' b'għajnejh miftuħa u viġilanti l-ħin kollu fuq għemilu - issa li jirriżulta li ġie rijabilitat mill-vizzju tad-droga – biex ma jerġax jikkommetti delitti oħrajn li jġorru piena ta' priġunerija fil-ġejjieni; u bl-għarfien sħiħ li jekk jagħmel dan ikun irid ipatti għal għemilu mhux biss bil-piena li tkun dovuta lilu għar-reat il-ġdid li jkun ikkommetta iżda wkoll għal dawk li għad għandu mdendlin fuq rasu bis-saħħa ta' din is-sentenza.**

**U għal dawn ir-raġunijiet, wara li rat l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti biss konċernanti l-piena ta' sentejn priġunerija effettiva ġja inflitta lilu u minflok tikkundannah għall-perjodu ta' sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali qiegħdin jiġu sospiżi għall-perjodu ta' sentejn mid-data ta' din is-sentenza.**

**Il-Qorti qiegħda wkoll twissi lill-appellant bil-konsegwenzi skont il-Liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Altrimenti safejn mhux mibdul b'din is-sentenza, il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija tagħha.**

**In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(8) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tordna illi dawn ir-reati m'għandhomx jitqies għall-finijiet tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, Kapitolu 77 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**